# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 12**

**Rikors numru 1105/16/1 MH**

**Emmanuel Mallia**

**v.**

**Francis Chetcuti**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru 2018 dwar il-pretensjoni tal-attur għall-ħlas tas-somma ta' €6,506.00 mingħand il-konvenut, liema somma tirrappreżenta bilanċ minn import ikbar fuq kambjala ffirmata mill-istess konvenut.

2. Il-proċeduri li wasslu għal dan l-appell huma s-segwenti:

2.1. Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' April 2014 skont l-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur sejjaħ lill-konvenut għall-ħlas ta' €6,506 rappreżentanti bilanċ fuq kambjala bl-import ta' €38,803.00 iffirmata mill-istess konvenut;

2.2. Fis-17 ta' Frar 2015, il-konvenut ippreżenta rikors a bażi ta' dik id-dispożizzjoni u li bih talab lill-Qorti sabiex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjala għal dak li jirrigwarda l-bilanċ ta' €6,506.

2.3. B'digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-konvenut u ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

2.4. Peremezz ta' rikors maħluf ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2016, l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

> *1. "Illi r-rikorrent huwa kreditur tal-intimat fis-somma ta' sitt elef ħames mija u sitt Euro (€6,506) bilanċ minn somma akbar ta' tmienja u tletin elf, tmien mija u tlett Euro (€38,803) import ta' kambjala aċċettata u ffirmata mill-intimat maħruga f'15 ta' Gunju 2012 liema kambjala skadiet (Dok A).*
>
> *2. Illi r-rikorrent kien ipproċeda permezz ta' ittra uffiċjali numru 1133/14 ai tenur artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Illi pero' l-intimat ippreżenta rikors fejn oppona għall-eżekuzzjoni ta' din il-kambjala.*

*4. Illi permezz ta' digriet 21 ta' Ġunju 2016, ir-rikors tal-intimat ġie milqugħ, u*
*għalhekk ir-rikorent kellu jipproċedi bil-preżenti rikors ġuramentat.*

*5. Illi r-rikorrent jaf dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onnorabli Qorti jogħġobha tikkundanna l-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef hames mija u sitt euro (€6,506) rappreżentanti bilanċ dovut import ta' kambjala aċċettata u ffirmata mil-intimat maħruġa f'15 ta' Ġunju 2012 u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax mid-data tal-iskandenza tal-kambjala u l-intimat inġunt in subizzjoni."*

2.5. Il-konvenut bil-ġurament wieġeb:[1]

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dana peress illi l-ammont reklamat bħala bilanċ tal-prezz import ta' kambjala maħruga fil-15 ta' Ġunju 2016 hija kollha mħallsa.*

*2. Illi meta saru l-konteġġi rriżulta illi kienu saru ħafna pagamenti li ma ttieħdux in konsiderazzjoni u l-kambjala tinsab "overpaid".*

*3. Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni ttentata mill-attur u qed jippreżenta Kontro-Talba għar-rifużjoni tas-somma ta' €16,223."*

2.6. Fil-kontro-talba[2] l-konvenut ippremetta u talab is-segwenti:

*"1. Illi l-esponent huwa liċenzjat biex ibiegħ armi tal-marka Benelli li huwa kien jimporta mingħand il-Kumpanija Armi Benelli Spa. Kien jopera minn ħanut bl-isem "Franwin Sports", 19 Triq Santa Marija, Tarxien.*

*2. Illi l-esponent għamel negozju ma' l-attur rikonvenut fis-sens illi dan kellu jisilfu somma flus viċin l-ammont ta' €40,000 ħalli l-esponent ikun jista' jagħmel ordinazzjoni kbira ta' armi mingħand Benelli. Fuq dan l-arranġament, l-esponent beda jantiċipa lill-esponent pagamenti akkont ta' dan is-self, kollox fuq il-fiduċja li dak iż-żmien kien hemm bejn il-kontendenti.*

[1] Fol. 9.
[2] Fol 11.

*3. Illi fit-8 ta' Ġunju 2012 l-esponent għamel l-ordinazzjoni ta' l-armi, liema ordinazzjoni ammontat għal €38,803, bl-imgħax ta' sena nkluz. L-esponent rikonvenjent iffirma kambjala għall-imsemmi ammont ta' €38,803, u l-attur kellu jagħmel il-kunteggi, u wara li jnaqqas il-pagamenti antiċipati mill-esponent, huwa kellu joħrog il-bilanċ dovut.*

*4. Illi xi xahrejn wara li saret l-ordinazzjoni msemmija l-attur xtara mingħand l-esponent 14 shotguns b'valur ta' €18,040 li ukoll kellu jitnaqqas mill-ammont tal-kambjala bħal ma kellhom jitnaqqsu pagamenti oħra akkont effettwati millesponent.*

*5. Illi l-attur istitwixxa proċeduri ġudizzjarji għall-eżekuzzjoni ta' parti mill-kambjala ffirmata u fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-esponent irrealizza illi fil-fatt huwa kien għamel "overpayment" ta' sittax il-elf, mitejn u tlieta u għoxrin ewro (€16,223), dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni talkawża, liema ammont l-attur rikonvenut qed jirrifjuta li jħallas.*

*Għaldaqstant jgħid l-attur rikonvenut il-għaliex ma għandhiex dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

*1. Tikkundanna lill-attur rikonvenut jirrifondi lill-konvenut rikonvenjent is-somma ta' sittax il-elf, mitejn u tlieta u ghoxrin ewro (€16,223) jew dik is-somma l-oħra verjuri, aktar jew anqas, rappreżentanti "overpayment" li huwa għamel fuq in-negozju fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwalment u bl-imgħax legali mid-data tal-"overpayment" kontra l-attur minn issa nġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni."*

2.7. Bil-ġurament tiegħu l-attur wieġeb:

*'1. "Illi mingħajr preġudizzju wkoll jingħad li ma jeżistux l-elementi rikjesti mill-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex fil-ħin li ġiet ammessa l-kambjala (kif del resto jinsorġi mir-risposta ġuramentata tal-intimat rikonvenzjonant), din ikkrejat obbligazzjoni distinta u separata mill-allegat kreditu mitlub. Għalhekk, il-materja għandha titqies kompletament differenti mill-azzjoni promossa permezz tar-rikors promotur.*

*2. Illi preliminarjament, l-kontro talba hija rritwali u konsegwentement nulla għaliex l-azzjoni promossa mill-attur rikonvenzjonat hija dik hekk imsejħa actio cambiaria u għalhekk huma limitati ferm it-tip t'eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw. Għalhekk ċertament kontro talba m'hijiex permessa f'dawn il-proċeduri.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju l-intimat rikonvenzjonant irid jiċċara x'azzjoni qiegħed jittenta jagħmel u jindika r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u sakemm dan iseħħ ir-rikorrent rikonvenzjonat qiegħed jirriżerva d-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri inkluż dik tal-preskrizzjoni.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, l-ebda ammont m'huwa dovut lill-intimat rikonvenzjonant.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'*

2.8. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet kif ġej:

*'1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur Emmanuel Mallia limitatament u tordna lill-konvenut Francis Chetcuti jħallsu s-somma ta' tlett elef seba' mija u ħamsin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3750.49) rappreżentanti bilanċ dovut import ta' kambjala aċċettata u ffirmata mill-intimat maħruġa fil-15 ta' Ġunju 2012;*

*2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;*

*3. Peress li t-talba attriċi ma ġietx milqugħa fl-intier tagħha l-ispejjeż jinqasmu hekk: 4/5 il-konvenut u 1/5 l-attur;*

*4. Bl-imgħax li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur mid-data tal-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-pagament effettiv;*

*5. Dwar il-kontro-talba tiċħad it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant għar-rifużjoni tas-somma ta' sittax -il elf mitejn u tlieta u għoxrin Ewro (€16,223.00) rappreżentati ħlas żejjed li l-konvenut rikonvenzjonant allega li għamel lill-attur rikonvenzjonat;*

*6. Tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat iżda tilqa' l-bqija;*

*7. Bl-ispejjeż tal-kontro-talba jkunu kollha a karigu tal-istess konvenut.'*

3. Il-konvenut appella minn din id-deċiżjoni aggravata kemm mill-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet parzjalment it-talba tal-attur kif ukoll mill-fatt li ġiet miċħuda l-kontro-talba tiegħu. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> *'tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu rriduċiet is-sorte tat-Talba Prinċipali, u inkwantu ċaħdet l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonant fil-kontro-talba, u tirrevokha, tħassar u tannulla l-imsemmija sentenza għall-kumplament, u filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-attur appellat, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponent appellant fit-Talba Prinċipali, u tilqa' ukoll it-talbiet tiegħu fil-kontro-talba bl-imgħax legali, u b'hekk tilqa dawn l-aggravji tal-appellant.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat.'*

4. L-appellat wieġeb illi s-sentenza hi ġusta u għandha tiġi konfermata.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

5. L-<u>ewwel aggravju</u> jirreferi għat-talba prinċipali. L-appellant jinsisti li huwa għandu jieħu mingħand l-appellat u mhux jagħtih. Jiddikjara li huwa jaċċetta l-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti dwar il-fattura 309 fl-ammont ta' €700 u għalhekk m'għandux jinsisti dwar dak l-ammont. Iżda dan xorta jfisser li huwa ħallas €1,390 żejjed għaliex:

(i) <u>wara</u> li ġie ffirmat il-ftehim tal-15 ta Ġunju 2012 huwa effetwa tliet pagamenti, ċioe` €2,000 fis-6 ta' Settembru 2012, €1,000 fl-1 ta' Novembru 2012 u €500 fit-8 ta' Jannar 2013, li b'kollox jammontaw għal €3,500. Jilmenta li kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, mhux minnu li dawn l-ammonti jinsabu riflessi f'Dok Z2 liema dokument m'huwiex oriġinali u jirreferi għan-negozju tal-2011 li kien diġa`

magħluq u qabel il-partijiet għaddew għan-negozju tal-15 ta' Ġunju 2012;

(ii) l-imgħaxijiet kellhom jiġu kkalkolati wara li jitnaqqas l-ammont ta' €18,040 rappreżentanti l-ordni ta' armi li għamel l-attur. Jikkritika s-sentenza appellata għaliex filwaqt li ġie deċiż li l-imgħax ġie maqbul fil-ftehim iffirmat u għalhekk il-konvenut appellant ma jistax jilmenta dwaru, irriduċiet l-istess imgħax b'€204.11 (para 11 tas-sentenza a fol. 22). Jirreferi ukoll għall-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili.

6. L-appellat isostni li din il-Qorti *"ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti"*. Il-Qorti tfakkar li:

> *'Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.'*[3]

7. Għall-aħjar intendiment ta' dan l-aggravju, il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu:

---

[3] *L-Agent Direttur tal-Ufficcju Kongunt v. Vellul Limited*, deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2021.

*'L-attur qed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €6,506.00 rappreżentanti bilanċ fuq kambjala għas-somma ta' €38,803 maħruġa fil-15 ta' Ġunju 2012.*

*Il-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:*

*1. L-arranġament tan-negozju bejn il-partijiet kien li Emmanuel Mallia joħroġ il-flus huwa permezz tal-bank biex Francis Chetcuti jordna l-armi mingħand id-ditta estera "Benelli". Mal-wasla tagħhom f'Malta l-armi jinżammu minn Chetcuti, Mallia jieħu minnhom skont kemm ikollu bżonn biex imbagħad ibiegħhom mill-ħanut tiegħu filwaqt li l-bqija tal-armi jibqgħu għand Chetcuti biex ibiegħhom hu. Chetcuti kien iħallas id-differenza lil Mallia jew bi flus kontanti jew b'merkanzija;*

*2. Id-diżgwid bejn il-partijiet qam dwar żewġ ordnijiet partikolari. L-ewwel ordni kienet dik li saret fl-2011 fejn permezz ta' ftehim datat 16 ta' Settembru 2011 huma qablu li Mallia kien qiegħed iħallas bil-quddiem għall-ordni ta' importazzjoni li tikkonsisti fi 38 shotguns u spare parts tad-ditta Benelli. Dan għas-somma ta' €32,069 + €30 charges tal-Bank flimkien ma' imgħax ta' 8% fuq is-somma kollha. Total: €34,667.00;*

*3. It-tieni ordni kienet dik li saret permezz tal-ftehim datat 15 ta' Ġunju 2012 fejn il-partijiet ftehmu li Mallia kien qiegħed iħallas bil-quddiem għall-ordni ta' importazzjoni li tikkonsisti fi 38 shotguns u spare parts tad-ditta Benelli. Dan għas-somma ta' €35,894 + €35 charges tal-Bank flimkien ma' imgħax ta' 8% fuq is-somma kollha. Total: €38,803.00;*

*4. Il-konteġġi kif miżmuma mill-attur ġew esibiti a fol 33 (Dok Z2) u a fol 36 (Dok Z5);*

*5. Bħala punt tat-tluq jiġi osservat li l-oriġinal tal-kambjala mertu tal-proċeduri odjerni għadu fil-pussess tal-attur. Huwa xehed hekk –*

> *"Il-kambjala kienet tintela' kif appena jien, permezz tal-bank kont inħallas l-ordni partikolari li jkun għamel Francis Chetcuti. Meta kien ikun ħallasni ta' kollox konna nqattgħu il-kambjala."*

*Dan il-fatt ma ġiex kontradett mill-konvenut, aspett li fuq bażi prima facie jimmilita a favur it-teżi tal-attur li huwa effettivament għad fadallu jirċievi ħlasijiet minghand il-konvenut. Iżda naturalment il-Qorti għamlet l-eżerċizzju meħtieġ biex tevalwa l-pretensjonijiet attriċi kif ser jingħad.*

*6. L-ewwel eżerċizzju li għamlet il-Qorti kien dak fejn ivverifikat il-ħlasijiet li kien għamel Chetcuti lil Mallia kif elenkati f'Dok Z6 a fol 38, u li għalihom kien iffirma li rċevihom l-istess Emmanuel Mallia u qabblithom mal-konteġġi kif miżmuma minn Mallia f'Dok Z2 u Dok Z5 a fol 33 u 36 rispettivament u kkonstatat li ċ-ċifri ndikati f'fol 38 huma kollha rintraċċjati f'Dok Z2 u Z5 u għal skopjiet prattiċi ġew immarkati bl-aħmar mill-Qorti stess bin-numru minn 1 sa 25.*

*7. Dwar il-fatturi numru 308, 309, 310 u 315 li dwarhom hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jiġi nnutat hekk –*

*i. Fattura Nru 308 datata 25 t'Awissu 2012 hija għas-somma ta' €341.40. Invece f'Dok Z2 fejn l-attur kiteb "Invoice 308", għalkemm hemm immarkata l-istess data u ċioe' 25 t'Awissu 2012, l-ammont huwa ta' €228.20. Għall-Qorti għalhekk huwa diffiċli li temmen li din l-entry f'Dok Z2 verament tirrifletti l-fattura nru 308. Fuq bażi ta' probabilta' dik l-entry hija għal spare parts oħrajn u mhux dawk indikati fil-fattura 308. Hawnhekk sejra tagħti raġun lil Francis Chetcuti li l-fattura nru 308 għas-somma ta' €341.40 ma ġietx inkluża fil-kotba tal-attur.*

*ii. Fattura Nru 309 datata 24 ta' Settembru 2012. Francis Chetcuti jgħid fl-affidavit tiegħu li din il-fattura ammontanti għal €700 ma ġietx imdaħħla fil-konteġġi ta' Emmanuel Mallia. Il-Qorti ma taqbilx ma din it-teżi. Minn kif qed tifhem il-Qorti din il-fattura, l-arma Benelli Premium indikata fiha ġiet ingassata minn hemm u nkluża fil-fattura Nru 315 u allura l-fattura sħiħa ġiet kanċellata tant li l-ingass jidher indikat kemm fuq id-deskrizzjoni tal-arma u anke fuq il-fattura sħiħa b'mod dijagonali. Infatti lanqas total m'hemm indikat fil-parti t'isfel tal-fattura. Għalhekk ma hemmx lok li ċ-ċifra ndikata mill-konvenut Chetcuti ta' €700 fil-fattura nru 309 tiġi kkunsidrata.*

*iii. Fattura Nru 310 datata 23 ta' Settembru 2012. Din hija għas-somma ta' €110. Invece filwaqt li f'Dok Z2 l-attur kiteb "Invoice" 310, l-ammont indikat f'dak id-dokument huwa għal €100 mhux €110. Għalhekk anke jekk dik iċ-ċifra ddaħħlet fil-kotba fl-istess jum tat-23 ta' Settembru 2012, il-Qorti tqis li dik l-entry qed tirreferi għal item differenti. Għalhekk fil-fehma tagħha għandu raġun il-konvenut rikonvenzjonant li l-ammont ta' €110 fil-fattura Nru 310 ma ġiex inkluż fil-konteġġi tal-attur.*

*iv. Fattura Nru 315 datata 22 t'Ottubru 201216. Din hija għas-somma totali ta' €2100. Jiġi nnutat li fid-Dok Z2, l-attur jindika l-fatturi 309 u 315 flimkien għaċ-ċifra ta' €3250 iżda din iċ-ċifra hija kompletament diversa oltre l-fatt li hija abbinata mad-data tal-24 ta' Settembru 2012. Anke jekk dik id-data tikkorrispondi mal-fattura Nru 309 (li l-Qorti diġa kkummentat dwarha) il-Qorti ma ssib ebda konnessjoni bejn l-entry msemmija f'Dok Z2 u l-fatturi 309 u 315. Fuq bażi ta' probabilta' għalhekk il-fattura Nru 315 għas-somma ta' €2100 ma ġietx inkluża fil-konteġġi tal-attur.*

*8. Il-konvenut rikonvenzjonant jargumenta wkoll li tlett pagamenti partikolari ukoll ma ġewx imdaħħla. Fil-fehma tiegħu dawn huma €2,000 fi flus kontanti mogħtija lil Mallia fis-6 ta' Settembru 2012, €1000 li tah fl-1 ta' Novembru 2012 u ċekk ta' €500 li tah fit-8 ta' Jannar 2013. Il-Qorti iżda ma taqbilx. Jirriżulta nfatti li f'Dok Z2 dawn l-ammonti ġew inklużi (u highlighted bl-aħdar) u jikkorrispondu mal-ħlasijiet enumerati 16, 17 u 25 indikati f'Dok Z6.*

*9. Jirriżulta wkoll nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fir-rigward tal-imgħaxijiet dovuti. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut rikonvenzjonant jargumenta li*

*filwaqt li l-attur rikonvenzjonat jippretendi ħlas ta' €2874.00 bħala imgħaxijiet antiċipati ta' sena dawn l-imgħaxijiet kellhom ikunu maħduma a scaletta għall-ammont ta' €1,029 skont "workings" li allegatament saru mill-awditur tiegħu ċertu George Farrugia markat bħala Dok CF1. Il-Qorti tibda billi tinnota li dan id-dokument CF1 la hu ffirmat minn awditur u l-konvenut qatt ma ressaq lil din il-persuna biex tixhed dwar dan id-dokument. Fi kwalunkwe każ il-Qorti ssib li dan l-argument tal-konvenut ma jreġix għax fl-ewwel lok l-ammont ta' €2874.00 interessi kontestati minnu hija ċifra li hu stess qabel magħha u ffirma għaliha fil-ftehim tal-15 ta' Ġunju 2012. Id-diċitura wżata hija ċara –*

> *"The amount of is €35,894 + €35 bank charges by my banker Bank of Valletta, Paola Branch, This is a form of money loan. <u>8% interest is being charged on</u> <u>the whole amount</u>.*
>
> *A draft for the whole amount + interest added is signed by Mr Francis Chetcuti ID 755643(M) €38,803."*

*10. Issa la dawn l-interessi kienu jammontaw proprju għal €2874.00 tant li l-konvenut iffirma l-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri għas-somma msemmija ta' €38,803, l-attur rikonvenzjonat ċertament kellu kull dritt li fil-pretensjonijiet tiegħu jitlob dak l-ammont maqbul bħala imgħax.*

*11. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-somma totali ta' €2551.40 ma ġietx inkluża fil-konteġġi tal-attur fir-rigward tal-fatturi fuq imsemmija. Isegwi li mis-somma ta' €6,506.00 pretiżi mill-attur għandha titnaqqas din is-somma li jwassal għall-figura ta' €3954.60. Pero' jrid jingħad ukoll s-somma ta' €6506.00 kienet tinkludi wkoll imgħax fuq il-bilanċ dovut u għalhekk għandu jsir aġġustament biex jiġi mnaqqas 8% imgħax minn fuq is-somma ta' €2551.40 ġaladarba dawn suppost kellhom ikunu nklużi fil-konteġġi tal-attur.*

*Dan ifisser li t-talba attriċi hija akkoljibbli limitatament għas-somma ta' €3750.49 (€3954.60 - €204.11).'*

8. L-ewwel parti tal-aggravju tal-konvenut tirreferi għal paragrafu numru 8 tal-konsiderazzjonijiet fejn il-Qorti tal-ewwel grad qalet illi l-pagamenti li għamel il-konvenut appellant fis-6 ta' Settembru 2012, fl-1 ta' Novembru 2012 u fit-8 ta' Jannar 2013, fis-somma komplessiva ta' €3,500, ġew effettivament inklużi fir-rendikont u konteġġi tal-attur kif muri bl-aħdar f'Dok Z2 (fol. 33). Rendikont li jirreferi għall-ordni li saret fl-2011.

9. Dok Z2 a fol. 33 huwa kopja ta' rendikont mogħti mill-attur għall-ordni li saret fis-16 ta' Settembru 2011. Huwa minnu li t-tliet pagamenti li saru fis-6 ta' Settembru 2012, fl-1 ta' Novembru 2012 u fit-8 ta' Jannar 2013 huma nklużi fid-dokument. Il-konteġġi fl-istess dokument jirriżultaw ukoll matematikament korretti fis-sens li jekk jitnaqqsu l-pagamenti u l-valuri tal-fatturi hemm elenkati mis-somma ta' €34,667 allegatament dovuta mill-konvenut fuq dik l-ordni, jirriżulta *overpayment* ta' €1,993. Fatt konfermat mill-attur stess fl-affidavit.

10. L-istess *overpayment* jirriżulta mbagħad imnaqqas mir-rendikont tal-attur għall-ordni ta' merkanzija li saret fil-15 ta' Ġunju 2012 (Dok Z5 a fol. 36). Il-konvenut isostni iżda li l-konteġġi huma fittizji għaliex meta saret l-ordni tal-15 ta' Ġunju 2012 il-kont ta' qablu referibbli għall-ordni li saret fis-16 ta' Settembru 2011 kien magħluq. B'hekk, l-ammonti ta' €2,000, €1,000 u €500 imħallsa fis-6 ta' Settembru 2012, fl-1 ta' Novembru 2012 u fit-8 ta' Jannar 2013 rispettivament, għandhom skontu jitnaqqsu mill-ordni tal-2012.

11. Huwa minnu li fl-affidavit tiegħu l-appellat jgħid li '*meta s-sena ta' wara (2012) ġejna biex nagħmlu ordni oħra, Francis Chetcuti kien ħallasni €1,993 żejda tas-sena ta' qabel.*'[4] Kliem li jagħti x'jifhem li verament il-

[4] Fol. 29.

kont referibbli għall-ordni tal-2011 kien ingħalaq meta saret l-ordni tal-2012. Madanakollu, meta xehed in kontro-eżami, l-appellat spjega s-segwenti:

> *'Dr Henry Antoncich: Mela ara Sur Mallia jien qed nghidlek illi meta ffirmajtu n-negozju tal-15 ta' Gunju 2012, tal-2011 kien maghluq kompletament*
>
> *Xhud: <u>Le ma kienx maghluq le</u>*
>
> *Dr Henry Antoncich: Ghalhekk m'ahniex naqblu. Daqshekk.*
>
> *Xhud: Ghamel zewg ammonti, kien hemm kont iehor qablu ta' thirty two thousand u minnhom tani, kien itini pagament minn tal-antik u pagament minn tal-gdid. Hemm dokument ipprezentat lilkom fejn ghamel l-order l-antik.*
>
> *Qorti: Dr Camilleri tista' issibli d-dokument please li qed jaghmel referenza ghalih? U ghidli l-folio. Dokument iswed qed jghid is-sinjur.*
>
> *Dr David Camilleri: Fol 38*
>
> *Qorti: Urihulu l-fol 38, x'jghid il-fol 38 ghalik?*
>
> *Xhud: Hawn fuq ghandu nota ta' pagamenti li naqbel maghhom kollha. Hawn miktub new order, ghax hu kien qasamhom il-pagamenti, fuq id-dokument hu jaghmel nota, new order*
>
> *Qorti: Ok meta jkun qed jaghmel pagament jiddistingwi ghal-liema ordni qed ihallas naqblu?*
>
> *Xhud: Iva*
>
> *...*
>
> *Xhud: Ghax huwa tani pagamenti li nizzilnihom fuq ta' qabel. Ipprezentati. Issa hu ma kienx inizzilhom fuq kont wiehed.*
>
> *Qorti: Jaqsamhom*
>
> *Xhud: Fuq zewg kontijiet.*
>
> *Qorti: Dan l-antik u dan il-gdid, ok izjed.'*

12. Ix-xhieda tal-appellat hija korraborata bil-ftehim a fol. 34 (Dok Z3) minn liema dokument jirriżulta li l-partijiet *inter alia* ftehmu illi:

> *'When a shotgun is sold by Mr. Francis Chetcuti the price must be paid back to Emanuel Mallia.'*

13. Ma saret l-ebda prova li l-*istock* ordnat fis-16 ta' Settembru 2011 kien kollu mibjugħ meta saret l-ordni ta' warajh fil-5 ta' Ġunju 2012. Prova li l-attur seta' faċilment għamel meta tqis li l-merkanzija in kwistjoni kienet tikkonsisti f'armi tan-nar li kull waħda minnhom kellha *serial number* uniku.

14. Inoltre, f'Dok Z6 a fol. 38 li huwa rendikont tal-konvenut tal-ħlasijiet kollha magħmula minnu lill-attur bejn l-aħħar ta' Novembru tas-sena 2011 sa Marzu 2013, fejn l-attur iffirma ħdejn kull *entry,*[5] il-konvenut elenka ċertu pagamenti taħt l-intestatura '*Mallia New Stock'* (ara fuq wara tad-dokument). Dik il-lista ssegwi sekwenza ta' dati separati mil-lista l-oħra li tibda mill-faċċata ta' quddiem.

15. It-tliet pagamenti mertu ta' dan l-aggravju li jinsabu mmarkati bl-aħmar bin-numri 16, 17 u 25 m'humiex taħt il-kolonna '*Mallia New Stock'* f'Dok Z6. Hija għalhekk verosimili t-teżi tal-attur li dawk il-pagamenti jirrappreżentaw prezz ta' *stock* mill-ordni tal-2011 u konsegwentement kien

[5] Fol. 31.

korrett meta fir-rendikont tiegħu niżżel dawk il-pagamenti għas-sena 2011.

16. *Multo magis*, jekk jingħaddu: (i) il-pagamenti li saru qabel l-ordni tal-15 ta' Ġunju 2012,[6] li komplessivament jammontaw għal €12,233; (ii) il-bilanċ ta' €554; u (iii) l-import tal-fatturi 228, 301, 302, 305, 306 u 307, liema fatturi nħarġu qabel ma saret l-ordni tal-15 ta' Ġunju 2012, it-total jitla' għal €25,887 liema somma hija sostanzjalment inqas mill-bilanċ ta' €34,667 li l-appellant irrikonoxxa bħala dovuti skont l-iskrittura relattiva għall-ordni tas-16 ta' Settembru 2011[7] u f'kull każ hija somma nferjuri għall-import tal-ordni nnifisha għal dik is-sena fl-ammont ta' €32,099.[8]

17. Isegwi għalhekk li, kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenut, mill-atti ma jirriżultax li l-kont għall-ordni tal-2011 kien ingħalaq meta saret l-ordni tal-2012. Konsegwentment, il-Qorti temmen l-ispjegazzjoni li ta l-attur fis-sens illi, meta saret l-ordni tal-2012 kien għadu ma sarx il-ħlas kollu dovut fuq l-ordni tal-2011. Għalhekk il-ħlasijiet mill-konvenut appellant fis-6 ta' Settembru 2012, fl-1 ta' Novembru 2012 u fit-8 ta' Jannar 2013 kienu jkopru l-prezz ta' armi ordnati fis-16 ta' Settembru 2011.

[6] Dok Z6 – pagamenti immarkati bl-aħmar bin-numri 1 sa 12.
[7] Fol. 34.
[8] Fol. 33.

18. Għalhekk, dik il-parti tal-aggravju tal-appellant hi miċħuda.

19. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti dwar l-imgħax. Isostni li kellha tikkalkola l-imgħax wara li tqis il-pagamenti akkont li saru. Jilmenta li fis-sentenza appellata ġie deċiż li ladarba huwa qabel li dovuta s-somma ta' €2,874.32 rappreżentanti imgħax bir-rata ta' 8% fuq l-ammont sħiħ tal-fattura u *charges* tal-Bank, ma setax jilmenta dwar dik is-somma. Dan fir-rigward tal-ordni tal-2012, kompla li dan imur kontra l-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili oltre l-fatt li s-sentenza appellata stess ordnat tnaqqis ta' €204 fuq l-import tal-fatturi 308, 310 u 315 li l-appellat naqas idaħħal fil-konteġġi tiegħu.

20. Il-ftehim li sar mill-attur u kien iffirmat miż-żewġ partijiet[9] jipprovdi:

> *'The amount is €35,894 + €35 bank charges by my bankers Bank of Valletta, Paola Branch.*
>
> *This is a form of money loan. 8% interest is being charged on the whole amount.*
>
> - *A draft for the whole amount + interest added is signed by Mr. Francis Chetcuti ... €38,803.*
> - *I will pick up the merchandise (shotguns) myself from Airmalta Supplies Luqa.*
> - *When a shotgun is sold by Mr. Francis Chetcuti the price must be paid back to Mr. Emmanuel Mallia.*
> - *My commission as a gun dealer when selling a gun is agreed to be €200 per gun.*
> - *A price list is fixed to both of us.*

[9] Fol. 37.

- *If Mr. Francis Chetcuti fails to pay the whole amount I have to refer to the original invoice factory prices to settle the amount pending.'*

21. Il-partijiet ma ftehmux li l-imgħax bir-rata ta' 8% għandu jinħadem *a scaletta* kif jippretendi l-konvenut. Bħala regola ġenerali, dak pattwit jorbot lill-partijiet.

22. L-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi iżda illi:

*'1852. (1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.*

*(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.*

*(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital.'*

23. L-attur xehed:

*'Qorti: Kif ftehmtu fuq l-imghaxijiet?*

*Xhud: L-imghaxijiet ihallas wara gimgha, u jhallas wara sentejn jibqghu dik l-ammont ta' somma.*

*Qorti: Jibqa' dejjem l-istess somma?*

*Xhud: Iva*

*Dr Henry Antoncich: U kkalkuljatu bhala imghaxijiet two thousand eight hundred and seventy four euro ta' sena shiha. Taqbel mieghi?*

*Xhud: Iva mela*

*Dr Henry Antoncich: Issa pero gara fatt kurjuz fuq xahrejn wara inti hadt minghand Chetcuti b'kemm jiswew tmintax-il elf armi, shot guns, taqbel mieghi?*

*Xhud: Iva*

*Dr Henry Antoncich: Allura l-imghaxijiet ma kellhomx jigu kalkulati fuq l-ammont li inti sliftu, imnaqsin it-tmintax-il elf li inti qed tiehu, mhux hekk?*

*...*

*Xhud: Ghax ahna ftehmna ammont u jien inbiegh minnhom dawn l-affarijiet allura hu liquid cash ma kellux u fuq somma bhal dik billi ghamlu ordni ta' eighteen thousand ghalija*

*...*

*Xhud: <u>Ahna niftehmu somma, issa jista' jgibhom spare parts, u jista' jgibhom oggett iehor</u>.*

*Qorti: <u>Jigifieri ghalik is-somma jista' jtihielek oggett mhux flus</u>*

*Xhud: <u>Ehe</u>*

*Qorti: Ok, imbaghad?*

*Xhud: Naqtghuha mill-kont u qisu qed ibieghha lill-hanut biex jerga' for resale. Hekk qeghdin mahduma l-affari ...*

*...*

*Dr David Camilleri: Kemm kienet iddum biex tinbiegh il-merkanzija? Bejn wiehed u iehor, average*

*Xhud: Ghaxar xhur sena tinbiegh. Ten months jew one year.*
*Dr David Camilleri: Sewwa, u inti meta akont tithallas ta' dawn ix-xoghlijiet?*

*Xhud: Certu ammont itini, immur*

*Dr David Camilleri: Mela ghalhekk ftehmtu, dik kienet ir-raguni tas-sena?*

*Xhud: Le ghax hu ghidna qisu two hundred euros fuq kull bicca, allura kien itini lflus.*

*Qorti: Fuq kull bicca li jbiegh kien itik mitejn euro*

*Xhud: Lili u jkun qed jiehu sehem hu wkoll. Jien kont nehodhom wholesale, factory prices allavolja l-qliegh tieghu kien jiehdu imbaghad kien jiffavorini dik ix-xi haga daqsxejn zejda'*

24. Mill-provi l-Qorti fehmet illi fil-15 ta' Ġunju 2012 l-attur ħallas l-import tal-fattura maħruġa mill-kumpanija Benelli Armi SPA sabiex saret l-ordni ta' armi f'isem il-konvenut. Fuq domanda tal-ewwel Qorti l-attur wieġeb li huwa kien jaċċetta ħlas mingħand il-konvenut ukoll billi jakkwista merkanzija mingħandu:

*'jista' jgibhom spare parts, u jista' jgibhom oggett iehor'*[10]

25. Fil-fatt, meta waslet il-konsenja l-konvenut xtara parti minnha *at wholesale price* sabiex tinbiegħ minnu (imniżżla fil-konteġġi bħala *invoice 311* li qiegħed a fol. 29 tal-proċess 145/2015LM fl-istess ismijiet), bil-prezz ta' €18,040. Bil-merkanzija li l-attur akkwista minghand il-konvenut tħallas akkont tal-kreditu li kellu fil-konfront tal-konvenut. Bl-istess mod, l-attur naqqas il-valur ta' diversi *invoices* oħra[11] ta' armi u *spare parts* mis-somma kapitali dovuta lilu.

26. Għalhekk, għalkemm l-attur jgħid li kien jieħu wkoll *commission* ta €200 fuq kull arma li jbigħ, huwa ma kienx sempliċement *sales person* mal-appellant. Jinftiehem li filwaqt li l-attur kien iżomm il-*factory price* tal-armi li jbiegħ kien imbagħad jaqsam il-qligħ mal-konvenut billi jżomm €200 għalih u jgħaddi l-kumplament tal-profitt lill-konvenut skont il-prezz stabbilit fil-*price list* li dwarha kellhom ftehim.

[10] Dan huwa kkorraborat mill-appellant innifsu a fol. 62 tal-proċess 145/2015LM fl-istess ismijiet.
[11] Fatturi Numri 314, 281, 318, u 304 a fol. 30 sa 33 tal-proċess 145/2015LM fl-istess ismijiet.

27. Min-naħa l-oħra, dwar dik il-parti tal-merkanzija li żamm il-konvenut, il-partijiet ftehmu li kull meta jsir bejgħ, il-konvenut iħallas lura l-prezz tal-arma lill-attur. B'hekk, apparti l-merċa, l-attur kien qiegħed ukoll jaċċetta pagamenti regolari akkont tas-somma mislufa lill-konvenut kif spjegat f'Dok Z6 a fol. 38.

28. Il-liġi tipprovdi li r-rata massima ta' imgħax hi 8% fis-sena. Fejn l-imgħax jiġi miftiehem b'rata għola minn daqsekk, irid jitnaqqas sa dak il-limitu. Bla dubju, ir-rata ta' imgħax pattwita bejn il-partijiet bil-perċentwal ta' 8% fuq is-somma sħiħa tal-fattura u l-*bank charges* għall-perjodu sħiħ ta' sena teċċedi dan il-limitu ladarba mill-provi jirriżulta li bil-ħlasijiet u t-trasferiment ta' merkanzija effetwati s-somma kapitali in kwistjoni naqset matul l-istess sena. Għalkemm l-ewwel Qorti qalet li l-ammont ta' €2,874 imgħax *"..... hija ċifra li hu (qiegħda tirreferi għall-konvenut) stess qabel magħha u iffirma għaliha fil-ftehim tal-15 ta' Ġunju 2012"*, jekk ftehim imur kontra l-ordni pubbliku ma jistax jiġi infurzat.

29. L-appellant ippreżenta l-*workings* tal-*accountant* tiegħu[12] iżda d-dokument m'huwiex l-aħjar prova għaliex ma ġiex konfermat bil-ġurament mill-awtur tiegħu. Apparti hekk, l-imsemmija konteġġi jinkludu *invoice* 309 kif ukoll il-pagamenti tas-6 ta' Settembru 2012, tal-1 ta' Novembru 2012 u tat-8 ta' Jannar 2013 liema ammonti ma kellhomx jiżdiedu fil-

[12] Fol. 51.

komputazzjoni tal-ordni li saret fl-2012 għar-raġunijiet diġa` mfissra. Għalhekk, il-Qorti xorta ma tistax tistrieħ fuq dak id-dokument.

30. Il-konvenut jippretendi li l-ewwel Qorti kellha toqgħod tagħmel il-kalkoli hi stess. Il-konvenut m'għandu l-ebda dritt jippretendi li l-ewwel Qorti toqgħod tagħmel eżerċizzju matematiku biex tikkalkola s-somma ta' imgħax dovuta wara li tqis il-pagamenti li saru u merkanzija li ħa l-attur. Il-Qorti tiddeċiedi a bażi tal-provi li jressqu l-partijiet, u l-partijiet kellhom id-dmir li jressqu l-aħjar prova jekk hemm bżonn ukoll billi jitolbu li jinħatar perit komputist.

31. Meta tqis kemm ilha pendenti l-kawża u l-ammont in kontestazzjoni l-Qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan l-istadju hekk tard tal-proċeduri għandu jitqabbad perit komputist sabiex jikkalkola u jagħti l-opinjoni tas-somma dovuta bħala imgħax għall-perjodu minn Ġunju 2012 sa Ġunju 2013. Ħatra bħal dik tkun tfisser biss iktar spejjeż u dewmien bla bżonn meta l-kontestazzjoni dwar l-imgħax titratta dwar is-somma ta' €2,874 (imgħax bir-rata' ta' 8% għal sena fuq is-somma kapitali ta' €35,929).

32. Fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ il-Qorti ser tiffissa l-imgħax għal fuq imsemmi perjodu fuq bażi ta' *arbitrio boni viri*, wara li kkonsidrat il-verżjonijiet li taw il-partijiet u l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti

dwar 'pagamenti' li saru. Il-Qorti tillikwida s-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1,400).

33. It-tieni aggravju jirreferi għar-rikonvenzjoni tal-konvenut. Il-konvenut jinsisti li huwa ħallas żejjed is-somma ta' €15,533 rappreżentanti:

i. €1,390 (ridott minn €2,090 indikat f'Dok CF1 peress li l-appellant m'għadux jinsisti fuq il-fattura 309 fl-ammont ta' €700; u

ii. €14,133 rappreżentanti l-ewwel 13-il item f'Dok CF2.

34. Bla ħsara għall-konsiderazzjonijiet li ser isiru, it-total ta' dawk iż-żewġ ammonti hu €15,523 mhux €15,533 kif indikat mill-appellant.

35. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-kontro-talba kienu:

> *'Imiss issa tiġi trattata l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant. Huwa jippremetti li żmien qasir wara li saret il-kambjala għall-ammont ta' €38,803 l-attur rikonvenzjonat xtara mingħandu 14 il-shotgun b'valur ta' €18,040 li suppost kellu jitnaqqas mill-ammont tal-kambjala flimkien ma pagamenti oħra.*
>
> *Huwa qal ukoll li sussegwentement induna li kien għamel ħlas żejjed ta' €16,223 tiegħu qed jitlob ir-rifużjoni permezz tal-kontro-talba.*
>
> *...*
>
> *Skont il-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' €16,223 pretiża minnu hija maqsuma hekk –*

*i. €2,090 skont kif spjegat fid-Dok CF1 minnu esibit; u*

*ii. Riċevuti ammontanti għal €14,133 kif indikati fl-ewwel tlettax -il item ta' Dok CF 2.*

*L-attur rikonvenzjonat invece jeċċepixxi li huwa m'għandu jagħtih ebda ammont.*

*Dwar il-parti tat-talba fejn il-konvenut rikonvenzjonat qed jitlob is-somma ta' €2,090 kif spjegat fid-Dok CF1 minnu esibit il-Qorti diġa' għamlet konsiderazzjonijiet dettaljati dwar il-quantum dovut lill-attur rikonvenzjonat inkluż dwar il-kumulu ta' mgħaxijiet legali a favur l-istess attur.*

*B'dawn il-konsiderazzjonijiet fir-retroxena l-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €2090 pretiża mill-konvenut rikonvenzjonant mhijex ġustifikata għax għar-raġunijiet kollha diġa' mogħtija fir-rigward tat-talba prinċipali huwa l-konvenut li għandu jagħti lill-attur u mhux bil-kontra.*

*Dwar it-tieni parti tal-kontro-talba li tirrigwarda s-somma ta' €14,133 l-Qorti tinnota li t-tlettax -il pagament li għalihom qed issir referenza f'Dok CF 2 huma dawn:*

*1. Data 28/12/2011 – somma ta' €1200*
*2. Data 7/01/2012 – somma ta' €700*
*3. Data 21/01/2012 – somma ta' €500*
*4. Data 20/01/2012 – somma ta' €4000*
*5. Data 04/02/2012 – somma ta' €200*
*6. Data 25/02/2012 – somma ta' €283*
*7. Data 24/03/2012 – somma ta' €750*
*8. Data 16/04/2012 – somma ta' €200*
*9. Data 23/05/2012 – somma ta' €1800*
*10. Data 23/05/2012 – somma ta' €600*
*11. Data 02/06/2012 – somma ta' €2000*
*12. Data 15/06/2012 – somma ta' €1300*
*13. Data 16/06/2012 – somma ta' €600*

*Iżda kif diġa kkonstatat il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talba prinċipali, dawn il-ħlasijiet diġa kienu ġew inklużi fil-konteġġi tal-attur rikonvenzjonat kif indikat f'Dok Z2 a fol 33.*

*Isegwi li lanqas din il-parti tat-talba ma hi akkoljibbli.'*

36. Diġa` ġie mfisser aktar 'il fuq illi s-somma ta' €2,090 li l-attur jippretendi li għandu jedd għaliha skont Dok CF1 (fol. 51), m'hijiex korretta. M'hemmx lok li l-Qorti terġa' tirrepeti l-istess konsiderazzjonijiet.

37. Skont is-sentenza appellata, il-ħlas li jippretendi l-attur għandu jonqos b'€3,251.40 rappreżentanti l-valur tal-*invoices* 308, 310 u 315 li skont l-ewwel Qorti ma ġewx inklużi fil-konteġġi. Dwar dik il-parti tas-sentenza ma sarx appell. Isegwi għalhekk li s-somma ta' €6,506.00 pretiża mill-attur għandha tonqos b'€2,551.40 u jifdal bilanċ ta' <u>€3,954.60</u> li l-ewwel Qorti kompliet tnaqqas b'€204.11 oħra. Ovvjament dik is-somma ser tiġi soġġetta għal tnaqqis ieħor minħabba l-konsiderazzjonijiet li saru dwar l-imgħax għall-perjodu ta' sena minn Ġunju 2012 sa Ġunju 2013.

38. Dwar l-imgħax il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diġa` qalet meta kkonsidrat l-ewwel aggravju.

39. Dwar l-ewwel tlettax-il pagament li jissemmew f'Dok CF2 a fol. 52, li huwa kopja ta' parti minn Dok Z6 a fol. 38, il-Qorti diġa` spjegat li mill-provi prodotti jirriżulta li dawk il-pagamenti saru akkont ta' ordni preċedenti li l-konvenut ħallas għaliha bil-flus li tah l-attur skont il-ftehim tas-16 ta' Settembru 2011. Pagamenti li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kambjala mertu tal-kawża in eżami. F'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti. Għalkemm il-konvenut argumenta li Dok. Z2 kienu konteġġi tal-attur u xejn aktar, pero` huma prova. Kien imbagħad jispetta lilu li jġib prova kuntrarja u jagħti spjegazzjoni kif sar il-ħlas tal-ordni tal-2011 biex jirribatti għall-verżjoni tal-attur. Ħaġa li m'għamilx. Dan apparti li ssibha xejn verosimili li l-konvenut kien ser

iħallas dawk l-eluf ta' euro żejda fuq l-ordni biss ta' 2012 f'perjodu ta' inqas minn sena, meta kien evidenti li kien qiegħed iżomm records dwar pagamenti li jagħti lill-attur.

Għal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenut sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq dwar l-imgħax u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-31 ta' Ottubru 2018 fis-sens li minflok, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija u tmenin euro (€2,480). F'dik is-somma l-ammont ta' elf u tmenin euro (€1,080) hu l-bilanċ tas-*sorte*[13] filwaqt li elf u erba' mitt euro (€1,400) hu imgħax stabbilit *arbitrio boni viri* għall-perjodu ta' sena mill-15 ta' Ġunju 2012 sal-15 ta' Ġunju 2013. Spejjeż tal-ewwel istanza dwar it-talba tal-atturi u spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-konvenut u 30% a karigu tal-attur. L-istess fir-rigward tal-appell. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

[13] €3,750.49 hi s-somma li l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut sabiex iħallas. F'dik is-somma hemm is-somma ta' €2,670 imgħax (€2,874 skont l-iskrittura privata - €204.11), u għalhekk is-sorte hu ta' €1,080.6.